2024

# IL-QARĊILLA

KITBA TA'
ĊIKKU L-POPLU



Kitba taż-Żwieġ Straordinarja

bejn

is-Sinjorina Rużannina tal-Imdina

u

s-Sur Korradino Tommasino

Hekk kif imnizżla quddiem
in-Nutar Carmela Caruana Carrotta

# IL-QREJĊA

*Il-palk armat b'sodda tal-massaġġi. Fl-isfond mużika rilassanti. Id-dawl baxx u kulħadd rilassat bid-dressing gown. Svendale liebes ġagaga bajda u qed jimmassaġja lit-Tabib. L-Uffiċjal wiċċu 'l fuq bil-ħjar fuq għajnejh fuq pultruna, u wiċċu midluk krema bajda. L-Uffiċjal qed fuq siġġu jaqra ktieb kbir imponenti bl-isem ta' 'Irjus Kbar u Artistiċi'.*

**It-Tabib** Iktar! Iktar! Agħfas iktar!
Iġbed dak l-erector spinae!

*Il-Profs qed iqalleb bil-mod.*

**Il-Profs** O x'kull kranju qed nammira!
Hoc sunt capiti divinae!

**It-Tabib** Is-serratus u l-isplenius
Qed inħosshom qed jaqsmuni!

**L-Uffiċjal** Wara ġimgħa bħalma kelli
Żewġ ħjariet biss iserrħuni.

*Tidħol in-Nutar liebsa dressing gown b'magazine f'idejha. Tidher mgħaġġla.*

**In-Nutar** Ajma dahri! Ajma sieqi!
Għandi kollox iġġammjat.

*Tilmaħ lill-irġiel.*

Ma nafx ġejtx fil-post it-tajjeb;
Għandi pedicure bbukkjat.

**L-Uffiċjal** Jiena qiegħed nisma' sewwa?

**Il-Profs** Tgħid l-għeluq qed jagħmel bina?

**It-Tabib** Dak il-leħen familjari;
Mhu ħadd ħlief…

**Uffiċjal/**
**Profs/Tabib** …ta' Carmelina!

**In-Nutar** Professore! U Dottore!
Sur Vincenzi! Intom hawn?

**It-Tabib** Ma tafx inti? Taqta' naqra!

**Il-Profs** Niġu ftit nirrilassaw.

**In-Nutar** Ħsibt li l-ħabs se nħossni waħdi
U ninfena u niżvinta!
X'gost qed nieħu li sibt ruħi
F'kumpanija tant distinta!

**Svendale** Sinjorina, ppermettili
Nikkoreġi żball bħal dan!

**In-Nutar** Int min inti? M'iniex nagħrfek.

**Svendale** Jiena Svendale il-Gwardjan.

Kliem bħal 'ħabs' m'għadux jintuża
Dan biss bini tranżitorju
Nippreferu insejħulu
Istitut Riformatorju.

Il-Ġustizzja xogħolha ssawwar
Ċittadini diliġenti.

Tidħol hawn xi ftit imċappas,
Toħroġ pur u innoċenti.

Il-ħabs qed għan-nies komuni
Mingħajr rabta ma' partit.
Dan il-post għat-tesserati
Illi forsi żbaljaw ftit.

**It-Tabib**

Inti bżajt li ser tkun waħdek?
Serraħ rasek, poġġi ħdejna
Ħa ntarrfulek waħda waħda
L-inġustizzji li sofrejna!

*Jibdew serje ta' tableaux fejn kulħadd jirrakkonta l-istorja tiegħu. Mużika fl-isfond u dawl baxx.*

## TABLEAU I

**L-Uffiċjal**

Jien is-Sur Ian Vinċenzi
Xempju t'għaqal u bżulija,
Uffiċjal ma' Traffik Malta
Li sfajt vittma mingħajr ħtija,

Għidli int għamiltx xi ħażen,
Jew jekk ksirtx xi liġijiet,
Billi għent lil dawk li forsi
Jibżgħu ftit mit-testijiet?

La taħsbux li qbadt u tajthom
Il-liċenzja bla eżami.
Iżda tifhem sew li l-għeja
Kultant tagħmlek trux u agħmi.

Issa billi jaqbżu 'Stop' sign?
Kulħadd jitlef l-attenzjoni.
Hemm xi ħadd li qatt ma kellu
X'inċident jew ċitazzjoni?

Hemm min qal li dawn periklu
Għax itajru lil xi ħadd.

Mhux kulħadd jaf li ġo Malta
Jekk ħa timxi m'int safe qatt?

Li għamilt, għamilt minn qalbi
Biex kull bniedem ikun mobbli
U bħal dejjem kelli nbati
Ta' dal-ġest sinċier u nobbli!

**TABLEAU II**

**It-Tabib**

Snin ta' studju, 'ljieli mqajjem
Inqum kmieni – norqod tard.
Sirt tabib, dħalt fil-polit'ka
U sibt wiċċi m'iżjed mard.

Skont il-ħalfa Ippokrat'ka
Dmiri ngħin lil min batut
Speċjalment min qed ibati
Minn mard serju ġewwa l-but.

Għandi ħafna kostitwenti
Li maħkuma minn imxija
Għalkemm huma jħobbu jonfqu,
Għax-xogħol għandhom allerġija!

Kieku jien ngħix b'paga min'ma
Żgur ittini aċċessjoni.
Għalhekk jiena ddikjarajthom
Nies fil-bżonn tal-attenzjoni!

Skont dijanjożi mirquma
Huma ħaqqhom il-blue badge
Kif ukoll il-benefiċċji
Ta' pensjoni u parkeġġ.

Vera li kultant il-firem
Kont nagħmilhom jiena stess,
Iżda jien biex ngħin lill-poplu.
Ridt inħaffef il-proċess.

Iva, vera, bl-entużjażmu
Missni forsi qgħadt attent,
Għax kultant anke jien ninsa
Illi qed fil-Parlament.

## TABLEAU III

**Il-Profs**

Dan pajjiż tal-imbeċilli;
It-talent mhux apprezzat.
Ara barra minn dawn xtutna
Jien fost l-aqwa jiena stmat.

Orkestrajt kampanji illustri
Kontra twieqi u bibien!
Kemm salvajt wirt nazzjonali
Bla ma qatt jien dhert imkien!

Xi ftit marru Heritage Malta
Biex jitniżżlu fir-reġistru
Xi oħrajn żammejthom jiena
Jew għaddejthom lill-Ministru.

Veru wisq li l-arti postha
F'kollezzjoni nazzjonali
Iżda mhux aħjar merfugħa
Ġewwa d-dar ta' espert bħali?

L-arti li ma stajtx inħares
Jien begħtha kif ġie l-waqt,
U minn fuq ġew jakkużawni
Li stagħnajt minn dak li sraqt!

X'tiswa l-arti u l-kultura
Jekk naqfluha ġo xi binja?
Mhux aħjar jekk l-arti tagħna
Inxerrduha sew mad-dinja?

**In-Nutar** X'inġustizzji qed insofru,
Sfajna vittma ta' nies ħżiena.
Iżda ċerta illi l-poplu
Magħna juri l-akbar ħniena!

*Jidħol Korradino. Id-dawl jinbidel.*

**Korradino** Bonġu lovers! Bonġu Svendale!
Jien wasalt! Nistgħu nibdew!

**In-Nutar** Ara ħaqq lil min qed nara!
Mela int ukoll hawn ġew?

*Jerġa' jitbaxxa d-dawl. Mużika.*

## TABLEAU IV

**Korradino** Wara dak kollu li ġara
Kelli bżonn li naqta' ftit
Għax taf inti, fin-negozju
Ma jħallukx tagħmel li trid.

Bnejt imperu fit-turiżmu,
Investejt flusi fl-enerġija,
Għamilt ħbieb l-Ażerbajġan
U Dubai…u fit-Turkija.

Imbagħad bdew ġejjin l-akkużi
Xnigħat foloz, diċeriji
Kulħadd jgħarbel u jħarref,
Jivvintaw it-teoriji.

Kien hemm min ried isakkarni,
Hemm min xlieni b'evażjoni
Saħansitra akkużawni
Bit-tixħim u kollużjoni.

Hu possibbli li b'xi żvista
Ksirt il-ħames kmandament;
U bejnietna, imnalla għandi
Xi ftit ħbieb ġol-Parlament;

Iżda jien kont qed biss naħseb
F'dawk l-eluf ta' impjegati
Jekk li tħobb hu illegali
Mel'allura jiena ħati!

**In-Nutar** Kif ġibtuli qalbi ċiċra
Qsamtuhieli dlonk f'biċċtejn!
La taħsbux li dejjaqtuni,
Iżda għall-pedicure, minn fejn?

**Svendale** Tidher illi għadek ġdida!
Għadek ftit diżorjentata;
Is-Sezzjoni Femminili
Hi fil-binja ta' faċċata.

**In-Nutar** Ma tafx tgħidli minn fejn ngħaddi?
Għax nintilef kullimkien.

**It-Tabib** Tibża' xejn sabiħa tiegħi,
Ħalli f'idi, nwasslek jien!

*It-Tabib iqum u jersaq lejn in-Nutara. L-oħrajn joħorġu, u t-Tabib u n-Nutar imorru f'tarf il-palk…u jibda n-namrar.*

**It-Tabib** Xtaqt inkellmek daqsxejn waħdek
Ras imb ras ma' xi ħadd bħali
Din l-iskema illi mmexxi
Fiha ħafna xogħol legali.

**In-Nutar** In-negozju l-għaxqa tiegħi
Kieku m'iniex qiegħd'hawn ġew!
Għandek bżonn xi ħadd imħarreġ
Fil-proċeduri…fhimtek sew?

**It-Tabib** Proprjament xtaqt daqsxejn iktar
Ma nafx kif naqbad nispjega.

**In-Nutar** Forsi trid xi ħadd ftit eqreb
Milli sempliċi kollega.

**It-Tabib** Ridt xi ħadd li midħla sewwa
Kemm tad-dħul u kemm tal-ħruġ…

**In-Nutar** Xi ħadd jaf kif għandu jnaddaf
L-apparat li jkun maħmuġ.

**It-Tabib** La taħsibx li rrid fattiga
Jew xi sempliċi seftura!

**In-Nutar** Għidli int x'tixtieq nagħmillek...
Ninsab bl-għatx għall-avventura.

**It-Tabib** Ma nixtieqx illi nintilfu
Fuq xi rridu u ma rridux
L-aqwa illi dak li nagħmlu
Nagħmluh sew…

**It-Tabib u n-Nutar** Ma ninqabdux!

*Tidħol Gabriċella u tmur dritt dritt għat-tabib b'ħafna serjetà*

**Gabriċella** Ieqaf hemm tagħmilx pass ieħor!
Din in-naħa nisa biss!
La taqbiżx fuq din in-naħa,
Għax inkella jkolli mmiss.

*Gabriċella tinfaqa' tidħaq…hu ċar li jafu 'l xulxin sew.*

X'qatgħa tajtek Dott Piacere!
Għedt ħa tinfaqagħlek vina!

**It-Tabib** Gabriċella!

| | |
|---|---|
| **Gabriċella** | X'kien ġejt ħdejna? |
| **It-Tabib** | Qed ngħin ftit lis-Sinjorina. |

*Sadanittant joħorġu Rużannina u l-Perit bit-tifla fil-pram. It-tnejn li huma bil-bathrobe u wiċċhom midluk kremi. Ipoġġu fuq is-siġġijiet b'magazin f'idejhom. Hemm siġġu ieħor vojt u ħdejh mejda żgħira bl-affarijiet tax-xagħar.*

| | |
|---|---|
| **Gabriċella** | Carmelina…in-Nutara<br>Int ukoll ġejt biex tarana?<br>Ejja nlaqqgħek ftit ma' sħabek,<br>Naħseb gost ħa tieħu magħna. |
| **Il-Perit** | Jiena Connie. |
| **Rużannina** | Rużannina. |

*(In-Nutar tilmaħ lit-tarbija)*

| | |
|---|---|
| **In-Nutar** | Ta' min hi din it-tarbija? |
| **Il-Perit** | Din Flyover, tifla tiegħi<br>Dalwaqt waslet għall-quċċija! |
| **Gabriċella** | Min imiss nagħmillu xagħru?<br>Haw', ma rridx infotti festi,<br>Komplu tkellmu waqt li naħdem,<br>Għax inkella mhux ħa nlesti. |

## TABLEAU V

| | |
|---|---|
| **Il-Perit** | Kemm proġetti u kuntratti<br>Jien qassamt ma' nies tal-qalba!<br>U għax jien kont ġeneruża,<br>Mill-gazzetti sfajt imsallba. |

Ħdimt mal-Gvern u mal-privat
Ħafna drabi fl-istess ħin
Hemm min qal li dan mhux sewwa
Iżda dawk nies għajjurin.

Ġieli binja ġggarrfitli
Uuu b'daqshekk ma fiha xejn!
Hemm tant djar qegħdin jitwaqqgħu?
Billi nżidu binja u tnejn!

Jiena mara bil-familja
Ma nistax dejjem fil-post!
U minn fuq jiġu jgħajruni
Illi jiena wiċċi tost!

Imma 'nsomma, ftit paċenzja
Ġejt s'hawnhekk ħalli inpatti,
U kif noħroġ diġà għandi
Xogħol mal-Gvern u ftit kuntratti.

**TABLEAU VI**

**Rużannina**

Jiena naf sewwa xi jfissru
Il-kapriċċi tal-marmalja
Tagħmel xogħlok, taqdi dmirek,
Bla ma taf li qed tiżbalja.

Jien inħobb naqdi lill-proxxmu
Bla ma nħares lejn wiċċ ħadd
Iżda tifhmu li jien bniedma,
Ma nistax naqdi 'l kulħadd!

Għax kont mara ġeneruża
Fiz-zekzik spiċċajt nitmiegħek.
Billi ngħin dawk li jgħinuni?
Ħokkli dahri, nħokklok tiegħek.

Daqqa ngħin b'xi konsulenza
Jew fil-bejgħ ta' xi palazzi,

Kemm għaddejt informazzjoni,
Kieku qatt ħadd jgħidlek grazzi!

Kważi kważi ġietni tajba,
Illi nqatta' ż-żmien hawn ġew;
Ir-reati kollha tiegħi
Sakemm noħroġ jintesew!

## TABLEAU VII

**In-Nutar** Jaqbdu magħn'għax aħna nisa,
Vittmi tal-patrijarkat!
Hemm min għamel ferm agħar minna
Malajr ġie illiberat.

Jiena taf għax qabdu miegħi?
Xi ftit żbalji fuq kuntratti
Dana kollu għaliex ġieli
Ħadt xi żball jew tnejn fil-fatti!

Qalu raw firem dubjużi
Jew li ktibt xi wirt għalija!
Ara jien b'dak ix-xogħol kollu
Nagħtix kas l-ortografija?

Ġieli kont ftit aljenata
Poġġejt ċekk f'xi kont ħażin
Billi jmorru fil-kont tiegħi?
L-aqwa li mhux mitlufin!

**Gabriċella** Girls, aħjar tmorru tinħaslu
Għax dalwaqt sarilna l-ħin
Tinsewx li ħa nagħlqu qabel
Ħabba li għandna l-festin.

**In-Nutar** X'festin huwa? Għeluq sninek?
Hemm xi ħaġa li teħtieġ?

**Il-Perit** Għax illum hu jum speċjali
Illum mistednin għal tieġ!

**Rużannina** Dan biex ngħidlek, jien għarusa
U hu bħali…taħt arrest!

**In-Nutar** Ara ħaqqa, qas kont nobsor!
Prosit ħi, u all the best!

**Rużannina** Iii tridx ngħidlek x'nistgħu nagħmlu?
Jekk m'għandekx wisq x'tipprepara
Tridx tkun inti li żżewwiġna?
Wara kollox int Nutara!

Ngħid il-vera ridt Ministru
Iżd'hawnhekk dawk rarità,
Qisu għandhom xi dispensa
Jew xi tip t'immunità.

**In-Nutar** Mhux għalhekk qegħdin hawn ġewwa
Sabiex ngħinu lil xulxin?
U jekk qiegħda nara sewwa
Diġà hawn il-mistednin!

*In-Nutar issa ddur lejn l-udjenza.*

Dawn ma ġewx sabiex jisimgħu
Għalfejn aħna spiċċajn'haw'!
X'jimpurtahom minn għemilna
Basta jistgħu jiffangaw!

La tistħix li ġejt għall-ikel!
Int m'intx inqas minn ta' ħdejk.
Mhux ukoll ħaqqek titħanżer?
Ejja ħu biċċa mill-kejk.

*Il-Perit, Gabriċella u Rużannina issa wkoll jindirizzaw lin-nies.*

**Il-Perit** Naf li ġejtu għall-Qarċilla,
U ngħidulkom: din mhix żgur!

| | |
|---|---|
| **Gabriċella** | Din tal-bidu hija l-Qrejċa,<br>Invenzjoni tal-awtur. |
| **Rużannina** | Huwa mod kif tidħlu iktar<br>Fl-atmosfera ta' festin,<br>Tkunu kompliċi fil-ħaġa. |

*Jitfaċċaw l-irġiel fuq wara.*

| | |
|---|---|
| **Korradino** | U nimlew xi ftit tal-ħin! |
| **L-Uffiċjal** | Issa tafu sew min aħna<br>Forsi anke għaraftuna |
| **It-Tabib** | La taħsbux li din xi ħrafa<br>Għax inkella toffenduna. |
| **Il-Profs** | Forsi hemm xi ftit dettalji<br>Illi huma fantażija. |
| **Gabriċella** | (L-awtur m'għandux esperjenza<br>Fuq ix-xagħar u s-sbuħija.) |
| **Svendale** | Dan kif jgħid il-miklem Malti<br>Biex tiskonġra trid tkun pur,<br>Hawn xi ħadd li hu bla tebgħa?<br>Żgur mhux aħna! |
| **Gabriċella** | Jew l-awtur! |
| **In-Nutar** | Kunu wkoll parti mill-ħażen<br>Ta' komplott maħdum bizzilla;<br>U jekk komdi fil-ħabs magħna,<br>Nagħtu bidu għall-Qarċilla! |

*Mużika. Issegwi l-Qarċilla.*

* * * **TMIEM** * * *

# IL-QARĊILLA

**JIEĦDU SEHEM**

| | |
|---|---|
| **In-Nutar** | Carmela Caruana Carrotta |
| **L-Għarusa** | Rużannina tal-Imdina |
| **L-Għarus** | Korradino Tommasino |
| **Il-Profs** | Profs. R. Kbira |
| **It-Tabib** | Dott. Olvis Piacere |
| **Il-Perit** | Connie Konkrit Vincenzi |
| **L-Uffiċjal** | Ian Vincenzi |
| **Il-Gwardjan** | Svendale il-Bello |
| **Il-Gwardjana** | Gabriċella 'Dritt ġoċ-Ċella' |
| **L-Innoċenti** | |

*(Ninsabu ġewwa ħabs. Fin-nofs hemm in-Nutar wara mejda. Warajha hemm tliet ċelel li fihom hemm it-Tabib, il-Profs, u l-Uffiċjal. Kulħadd qed ilesti għat-tieġ)*

**In-Nutar**

Ersqu! Ersqu maskarati,
Għall-festin matrimonjali
Kunu parti mill-istorja:
Żwieġ tant kbir, li kriminali!

La taħsbux li qegħdin f'sala
Jew xi villa jew palazz!
Mingħalikom l'intom ħielsa
Iżd'hawn ġew mhu xejn ħlief ħabs!

La taħsbux li qalbna sewda
M'hawn ħadd minna li depress!
Għax l-imħabba, bħall-ġustizzja
Mhijiex għal kulħadd l-istess!

Storja mżewqa b'ħafna mħabba:
Ward u żahar, u ħafna flus!
Iżda biex din tingħad sewwa,
Mhux aħjar jgħidha l-għarus?

Svendale! Svendale! Isa ejja,
Ħa nibdew għax sar il-ħin!
Itlaq kollox, u mur ġibli
L-anġlu tiegħi Korradin!

*(Jidħol Svendale il-Bello, il-Gwardjan tal-Ħabs tal-Irġiel. Miegħu hemm l-Innoċenti, liebes ta' ħabsi u mmanettjat)*

**Svendale**
Ejja bello, ħaffef naqra
Għax daqt sar il-ħin għat-tieġ

**In-Nutar**
Mamma mia! Hawnhekk x'ġibtli?
Warrab minni dan il-ħmieġ!

**Svendale**
Delinkwenti bħal dal-ġuvni
Fuqna jġibu biss rovina.
Proprju lbieraħ hu inqabad
Isuq scooter fuq bankina!

**L-Innoċenti**
Għandkom żball! Jien Innoċenti!
Żgur xi glitch fuq il-kompjuter!
Kif qatt nista' inkun ħati
Meta qatt ma rkibt fuq scooter?

**In-Nutar**
X'għarukaża! Fiex wasalna
Nisma' biss jaqbadni l-bard!
Mhux aħjar li tibda tpatti?
Aqbad ibda aħsel l-art!

*(Svendale jnewwel barmil u squeezer lill-Innoċenti u jibda jqabbdu jaħsel. Matul il-Qarċilla, l-Innoċenti jibqa' jaħsel u jnaddaf. Sadanittant, jidħol Korradino liebes għat-tieġ, qisu xejn mhu xejn, isellem lil kulħadd)*

**L-Għarus** Hawn jien sbejħa! Immisjajtni?
Bonġu Svendale, kollox sew?
Bonġu bros, irqadtu tajjeb?
Jien wasalt, nistgħu nibdew!

**In-Nutar** Korradino! Qalb ta' qalbi!
Kollox sew? Kif inhi ċ-ċella?

**L-Għarus** Mindu ddeċidejt niżżewweġ
Tawni ċella b'żigarella!

Skema ġdida…inċentiva…
Sabiex tgħin lill-miżżewġin
Li minħabba ċ-ċirkustanzi
Ġewwa l-ħabs huma msakkrin!

Lilna tawna penthouse ġdida
Sabiex hemm nibdew familja.
Minn hemm fuq naraw nofs Malta
B'linja dritta għal Kastilja!

**In-Nutar** Għidli ftit fuq din it-tfajla
Li ħakmitek b'daqstant ħila.
B'liema seħer jew maġija
Immansat bestja qalila!

**L-Għarus** Rużannina, b'ħarsa waħda
Qalbi u moħħi dlonk taqrali!

**In-Nutar** It-tnejn għandkom l-istess gosti?

**L-Għarus** Le! Għax qiegħda l-ħabs bħali!

Dejjem xtaqt tfajla 'nnoċenti
U sa fl-aħħar sema' talbi!

Reat biss għamlet f'ħajjitha
Għaliex ġiet serqitli qalbi!

**In-Nutar** Mela ejja nħaffu naqra
Ħalli tfittex tara 'l-mara

*(Iddur fuq l-Innoċenti)*

Int! Ejj'ibda arma s-sala
Imbagħad kompli aħsel wara!

**RIMA 1**

Jekk tagħrfu lill-għarus
Tgħidux illi tafuh
Kull min ixomm taħt abtu
Żgur li ma jsibux ifuħ.

Kulħadd ftit kriminal
Kulħadd xi ftit qażquż,
Il-piena lanqas tħossha
Jekk ikollok ħafna flus.

**In-Nutar** L-ewwel xhud raġel tax-xjenza,
Professur u Cavaliere,
Xempju tal-filantropija:
Id-Dottor Olvis Piacere!

*(Svendale jaqbad lill-Innoċenti u jibda jordnalu jarma affarijiet bħal xi bukkett, eċċ. Mużika televiżiva hekk kif it-Tabib Piacere jiftaħ iċ-ċella tiegħu hu stess u joħroġ idur mal-pubbliku)*

**It-Tabib** Grazzi tal-introduzzjoni
Għalkemm inti tafni sewwa!
Kemm-il darba invistajtek
Kemm minn barra, kemm minn ġewwa!

*(It-Tabib u n-Nutar iħarsu lejn xulxin…donnu jafu lil xulxin sew ħafna!)*

Jiena hu d-Dottor Piacere
Jien inserraħ 'il min ibati
Ħa nqassmilkom benefiċċji,
Karti blu! Ċertifikati!

Infejjaqkom minn kull marda
U neħliskom minn kull għelt
Ċemplu 'l wieħed min-nies tiegħi…

**L-Innoċenti** Dawn tal-Vitals Global Health?

*(Kulħadd isikktu)*

**Kulħadd** Xxxxx!!! Dak ma nistgħux
insemmuh!!!!

**In-Nutar** U xi ħlas tkun qed tistenna
Talli tagħmel daqstant ġid?

**It-Tabib** L-ebda ħlas biex naqdi dmiri,

**L-Innoċenti** Imbagħad jaħseb il-partit!

*(Il-Gwardjan jagħti daqqtejn lill-Innoċenti talli tawwal ilsienu, filwaqt li n-Nutar tkompli tordnalu)*

**In-Nutar** Issa jmiss daqsxejn kultura
Xhud li jgħallem u jispira
L-iskular distint li jmiss
Mhu ħadd għajr ħlief Profs Ras Kbira!

*(Il-Profs ukoll jaqbad u jiftaħ iċ-ċella u joħroġ liebes pulit)*

**Il-Profs** Dottoressa!

**In-Nutar** Professore!

**Il-Profs** Dejjem tħawtel qalb il-karti!

**In-Nutar** Int mhux inqas, Professore!

**Il-Profs** Ħeqq, jien Storiku tal-Parti!

**L-Innoċenti** Naħseb li trid tgħid 'tal-Arti'.

*(Svendale jagħti daqqa ta' ħarta lill-Innoċenti)*

**Svendale** Iskot ftit u tkunx dardira
Ftit rispett quddiem dal-kobor;
Dak tassew Profs Rasu Kbira!

**Il-Profs** Ħarsu lejja u ifluni
Ammiraw ġmiel in-natura!

*(Kulħadd iħares lejh biex jammirah)*

**L-Innoċenti** Ma rajtx wisq minn fejn qed jiena…
Forsi għax fil-minjatura!

*(Svendale jfajjarha lill-Innoċenti u jersaq diskretament lejn il-Profs)*

**Svendale** Profs Ras Kbira ppermettili
Illi nieħdok ftit għalija,
Iżda xtaqtek tgħidli waħda
Għandix parti…kabbarija?

**Il-Profs** Sabiex ngħidlek hemm ftit spejjeż;
Inti lest li tkoprihomli?

*(Svendale joħroġ mazz flus u jgħaddih lill-Profs)*

**Svendale** Għandi dawn qed itaqqluni
Forsi tiflaħ iġġorrhomli?

**Il-Profs** Mela le dażgur li ngħinek
Hu dmir tiegħi ta' skular!
Ersaq ftit…*(jiflih waħda)*...interessanti
Ċert li din opra mill-kbar!

*(Kulħadd qed jifli lil Svendale)*

**Svendale** Kliem mirqum bħalm'huwa tiegħek
Ma ssibux fid-dizzjunarji
Reċensjoni li msejsa
Fuq prinċipji…

**L-Innoċenti** …finanzjarji!

**Il-Profs** Din il-parti hi ġieħ ġensna;
Għad titniżżel fir-reġistru
U tintwera ġo xi wirja…

**L-Innoċenti** Jew il-ġnien ta' xi Ministru?

**Kulħadd** Xxxxx!!! Issemmi xejn! Kulħadd kien nesa!

*(Kull meta l-Innoċenti jgħaddi xi kumment, jaqlagħha mingħand il-Gwardjan)*

**RIMA 2**

Kulħadd hu bżonn tabib
Biex jieħu jumejn frank!
X'hemm aqwa biex titfejjaq
Milli ddewwi l-kont tal-bank?

Aħjar għandek mitt skud
Milli ħabib fis-suq
Għax b'hekk tixtri lil sħabek
U int tkun minn dejjem fuq!

**In-Nutar** Iftaħ ċella numru tlieta
U ħallik mill-kunfidenzi!
Għaliex dritt minn Traffik Malta
Merħba lil Ian Vinċenzi!

**L-Uffiċjal** Ara ħaqq, Dottor Piacere!

**It-Tabib** Ara sieħbi, s-Sur Vinċenzi!

**L-Uffiċjal** Għadek tagħmel firem foloz?

**It-Tabib** Għadek toħroġ il-liċenzji?

**L-Uffiċjal** Kemm hu sew kieku dak xogħli
Xogħli aktar importanti!
F'Traffik Malta aħna naħdmu
Biex it-traffic hu kostanti!

F'din id-dinja ċaqlembuta,
Garanzija ta' ħabib
Illi toħroġ fi x'ħin toħroġ
Dejjem traffiku ħa ssib!

**In-Nutar** Kemm hu sew li hemm nies bħalek
Illi jsostnu l-eċċellenza
Għax f'dil-ħajja dejjem mgħaġġla
X'wens ittina l-konsistenza!

Kollox sew, ix-xhieda waslu,
U l-għarus għaja jistenna
Morru sejħu lill-għarusa
Ħalli jfittxu jduqu l-ġenna!

*(Minn ġewwa tinstema' l-għarusa, li tiġi flimkien mal-Gwardjana, u ma' Connie Konkrit Vincenzi b'tarbija f'idha)*

**L-Għarusa** Korradino qalb ta' qalbi!
Rużannina għalik ġiet!
Għid is-sew, qiegħda fi ħsiebek?

*(L-Għarajjes jitgħannqu)*

**L-Għarus** Ġa ħsibt fik seba' darbiet!

*(Matul il-biċċa li jmiss l-għarajjes għaddejjin jinnamraw)*

**Gabriċella** Ara Svendale, kif int qalbi?
Aħn'illejla ltqajna ftit?

**Svendale** Iva mela għandna ċella
B'sodda doppja u en suite!

**In-Nutar** Iva Svendale? Ma kontx nobsor
L'int imqareb daqs xitan!
Kos qas tobsor kemm imħabba
Hawn moħbija f'dal-ħitan.

*(Il-Perit ma tiħux gost li l-attenzjoni mhux fuqhom u toħroġ fin-nofs)*

**Il-Perit** Storja ħelwa hi mħabbitna
Li ma tantx tiġri ta' spiss
Jien u Ian konna ltqajna
Waqt proġett ta' Ħdura Biss.

**In-Nutar** Ħdura Biss? Dan x'proġett huwa?

**Il-Perit** Proġett siewi ambjentali
Ħalli meta tkun fit-traffic…

**L-Innoċenti** Toqgħod tiżra' l-qarabagħli!

**L-Uffiċjal** Ridna nidhru progressivi
Bla ma nbiddlu li jeżisti
Jiena għedt 'Neħħu l-iscooters!'

**Il-Perit** Jien: 'Neqirdu liċ-ċiklisti!'

**L-Uffiċjal** Issa ilna nibnu toroq,
Malta xorta ġġammjata

**Il-Perit** Jien ipproponejt li nibnu
Highway f'nofs l-Addolorata!

**L-Uffiċjal** Iżda bżajna li l-proposta
Hawn min jgħid li hi xi farsa
U li żżid il-konġestjoni…

**L-Innoċenti** Mela bħall-proġett tal-Marsa!

*(Kulħadd jaqbeż fuqu jsikktu)*

**Kulħadd** XXXXXxxxx!!! Iskot! Dak ma nistgħux insemmuh!

**Il-Perit** Iżda sibna soluzzjoni
Illi żgur li tpaxxi 'l bosta;

**L-Uffiċjal** Eqred pjazza…

**Il-Perit** …iżra' siġra,

**L-Innoċenti** U taħsbukom ġejtu l-Mosta!

**RIMA 3**

Qaċċatna ġonna sħaħ,
Wessajna it-triqat
Qridna kemm flaħna raba'
U l-pajjiż xorta ġġammjat!

Ftit bini ikrah 'l hemm
Ftit bini ikrah 'l haw'
Hu aqwa kieku tibnu
Xi ħaġa li naffordjaw!

**In-Nutar** Storja ħelwa…

**Gabriċella** ….storja twila!

**Svendale** Storja tqabbdek dipressjoni!

**Gabriċella** Storja traqqdek u bla sugu

**L-Innoċenti** Mela bħall-Oppożizzjoni!

**Kulħadd** Xxxx!! Iskot…

**In-Nutar** U le! Dawk nistgħu!

| | |
|---|---|
| **Kulħadd** | Żgur? Mhux ipattuhielna hux? |
| **In-Nutar** | U dawk fadallhom biex ikunu fil-<br>Gvern! Komplejna! |
| **Svendale** | Aħna ltqajna fuq Love Prison |
| **Gabriċella** | Il-programm tal-maħbubin |
| **Svedale** | Fejn l-imħabba tiġri ħielsa |
| **Gabriċella** | U n-namrati imsakkrin! |

*(Jinfaqgħu jidħqu)*

| | |
|---|---|
| **In-Nutar** | Iii qed ngħid jiena fejn nafkom<br>Mhux nagħrafkom imbiddlin.<br>Iżda, jekk niftakar sewwa<br>Dak ma kienx biss għall-ħabsin? |
| **Svendale** | Sew qed tgħid, Dottor Carrotta,<br>Kien biss għall-inkarċerati |
| **In-Nutar** | U allura kif spiċċajtu<br>Tieħdu sehem bħala namrati? |
| **Svendale** | Jiena dħalt għax inħobb nidher. |
| **Gabriċella** | Jiena dħalt għax ridt għarus. |
| **Sven/Gab** | U it-tnejn ridna l-imħabba… |
| **L-Innoċenti** | Żgur li ma dħaltux għall-flus? |

*(L-Innoċenti jaqlagħha mingħand it-tnejn li huma)*

| | |
|---|---|
| **Gabriċella** | Aħn'għall-bidu bdejna nibżgħu<br>Li l-ħabsin ma jidħux gost. |

**Svendale** Iżda b'naqra…konvinzjoni
Malajr ġejna l-ewwel post!

**In-Nutar** Jiena fraħt li rbaħtu intom
Għax maħluqa għal xulxin
Iżda l-kelma ġriet ma' Malta
Illi kontu miftehmin!

**Gabriċella** Miftehmin għax ħsibna naqra
Sabiex nieħdu dak li rridu?

**Svendale** Kollha għira ta' nies koroh!
U min bl-għali jkompli jżidu!

**Gabriċella** Għax the tiger is a tiger
And don't care what turtle say!
And the tiger it stay quiet…

**L-Innoċenti** Inti quiet? Tgħidli xej'!

**RIMA 4**

Xi hashtag coupleslife
Jew story t-tnejn mgħannqin
Ħa nikxfu ftit il-koxxa
Biex taraw li maħbubin.

L-imħabba ġewwa l-ħabs
Ma tħares lejn wiċċ ħadd
Għax meta tkun bin-nieqes
L-aqwa toħroġ sodisfatt.

**In-Nutar** Kemm imħabba ġo dal-post,
Tassew wieħed żgur jiskanta!
Tant dal-ħabs hu progressiv
Tħossok qiegħed…

**L-Innoċenti** …ġo lukanda

**L-Għarus** Rużannina tal-Imdina
X'togħma ħelwa hu dak ismek!
Ħarstek tiddi, leħnek jgħanni
U xi ngħidu…

**L-Innoċenti** Għal dak ġismek!

**L-Għarusa** Korradino Tommasino
Ħrafa msaħħra l-ħajja tagħna
Qisniex ngħixu f'Notte Bianca?
Jew xi festa…

**L-Innoċenti** Tal-banana?

**L-Għarus** Meta dħalt ġo dil-lukanda
Tlabt kamr'oħra…ridt il-wisa'.
Kemm hu sew li tlabthom ċella
Tħares dritt ġol-ħabs tan-nisa!

**L-Għarusa** Jien tlabt kamra bil-pool magħha
Ħalli jkolli fejn nixxemmex;
Ix-xemx rajtha tleqq fuq rasek
U ħassejt..

**L-Innoċenti** Kollox jitkemmex!

**L-Għarusa** Imbagħad bdew jaslu r-rigali
Ħwejjeġ, handbags, u ġojjelli
Affarijiet sofistikati;
Tajtni dak li qatt ma kelli

**L-Għarus** Kull rigal jixgħellek wiċċek
U jqanqalli l-emozzjoni!
Xejn ma tlabtek ħlief imħabbtek…

**L-Innoċenti** U kuntatti…u informazzjoni!

**In-Nutar** Kull pakkett, hux kbir jew ċkejken
Hu soġġett għal ispezzjoni

Iżda llum peress li festa
Għedna nagħmlu eċċezzjoni!

Meľejjew naslu għall-qofol
Ta' dar-rit matrimonjali
Għax il-waqt mistenni wasal
Illi tagħtu ir-rigali!

**RIMA 5**

Il-ħajja kemm għoliet
Kollox sar m'ogħla infern
Il-gvern jgħid tort tal-ħwienet
U dawk jgħidu tort tal-Gvern!

Kulħadd igerger biss
Li dal-pajjiż fallut
Il-bidla inħobbuha
Basta jien nibqa' paxxut.

*(L-Innoċenti jġib l-ewwel rigal: tabella tal-parkeġġ riservat)*

**It-Tabib** Korradino, ħabib tiegħi,
Gawdi! Idħaq! Kul u tpaxxa!
Għax il-ħajja darba tgħixha
U tispiċċa

**L-Innoċenti** Għand tat-taxxa!

*(It-Tabib joħroġ envelop u Rużann taħtafhulu minn idejh u tibda tara fihx flus)*

**L-Għarusa** Iii xi ħlew dik kartolina?
Żgur xi ċekk jew sensarija!

**It-Tabib** Lanqas xejn, din hi ferm aqwa
Investiment bil-garanzija!

Din l-iskema ħloqtha jiena
Sabiex tgħin lil min magħkus;
Għidli ftit liem mard qed jaħkmek
U kull xahar nagħtuk il-flus.

**L-Għarus** Għandi l-corpus cavernosum
Li ta' spiss qiegħed jibbies.
Forsi niġi waħd'għall-viżta
Meta jkun hawn inqas nies.

**It-Tabib** M'hemmx għalfejn amico mio
Ir-rapport lest u ffirmat
U għax int ħabib speċjali
Parkeġġ b'ismek…riservat!

*(Ċapċip u mużika)*

**In-Nutar** Prosit! Prosit! Rigal utli
Jidher li magħmul bi ħsieb
Għax ta' xejn il-flus u l-għana
Jekk fid-dinja…

**L-Innoċenti** …m'għandekx ħbieb!

*(Għalkemm ikunu ħa jfajrulu bħas-soltu, did-darba jaqblu miegħu)*

*(Il-Perit iġġebbed lill-Uffiċjal u tidħol fin-nofs)*

**Il-Perit** Issa jmiss ir-rigal tagħna
Ejja żul, ersaq min-nofs!

**In-Nutar** Proprjament mhux int imissek
Issa kien imiss lill-Profs!

**Il-Profs** Hekk hu! Hekk hu! X'insolenza!
Tabbużaw! Tarawni ġwejjed!
M'intix tara dir-ras nobbli?
Jew mhijiex kbira biżżejjed?

**L-Uffiċjal** U jaħasra Profs, appuntu!
Ebda 'nsult minni u l-mara
Skont l-illustri protokolli
L-ogħla rank dejjem fuq wara!

*(L-Innoċenti joħroġ ħajt miksi qsari nexfin, bi ftit minnhom tal-plastik imma mkissrin u mqaddmin ukoll)*

**Il-Perit** Aħna nafu l-gosti tiegħek
Kemm tħobb tgawdi in-natura.
Biex issebbaħ dik il-penthouse,
Dan il-ħajt miksi bil-ħdura!

**L-Uffiċjal** Ġest b'kuxjenza ambjentali
Għaliex aħna nies ta' stoffa,
Għalhekk ġmiel ta' ħajt iħaddar

**L-Innoċenti** Aħdar forsi jekk jimmoffa!

**In-Nutar** X'hemm fin-nofs? Dik xi tabella?
Għax ma tantx nara mill-bogħod…

**Il-Perit** Xtaqna nżewqu dal-ħajt nobbli:
Dik tabella: Suq bil-Mod!

**In-Nutar** Parir siewi għax f'triqatna
L-inċidenti jsiru spiss

**L-Uffiċjal** Aħna magħkom it-triq kollha.

**L-Innoċenti** Jew sat-traffic jam li jmiss!

**In-Nutar** Issa jmiss lill-Professore;
Magħruf kemm hu ġeneruż.
L-Arċipriet m'ilux ġie jgħidli
Li l-parroċċa fqajtha flus!

*(L-Innoċenti joħroġ il-kwadru u jikxfu quddiem kulħadd)*

**Il-Profs** Hawn għalikom dan il-kwadru
Op'ra d'arte in omaggio
Kwadru fin, teżor imlewwen!
Opra tal-kbir Caravaggio!

*(Il-kwadru hu biss tila miżbugħa sewda. Kulħadd iċapċap, ħlief l-Innoċenti)*

**It-Tabib** X'maestà!

**In-Nutar** X'munifiċenza!

**L-Uffiċjal** Perfezzjoni mingħajr tebgħa!

**Il-Profs** Ammiraw il-kompożizzjoni!

**L-Innoċenti** Kulm'qed nara ċappa żebgħa!

**In-Nutar** Ġidra!

**Il-Perit** Basla!

**Gabriċella** Zunnarija!

**Svendale** Tewm imnawwar u misjur!

**Il-Profs** Injorant u arroganti!
Jidher hekk għax kjaroskur!

**L-Innoċenti** Din il-biċċa familjari
Dar-rigal mhux ħlief ingann
Din mhix għajr biċċa maqtugħa
Mill-pittura ta' San Ġwann!

**Il-Profs** Int fiex tifhem imbeċilli!

**L-Uffiċjal** Biċċa bidwi!

**Il-Perit** Ħmieġ tal-qiegħ!

**Sven u Gab** Ejja 'l hawn ħa nuruk aħna
L-ingann x'għandek tagħmel bih!

**In-Nutar** L-ebda ġlied f'dal-jiem ta' briju
Fil-vjolenza, m'hemmx gwadann.
Jekk hemm bżonn ta' xi vendetta
Stennew ftit Ras ir-Randan.

**RIMA 6**

Aħna m'aħniex tal-ġlied
Ma rridux nagħtu fl-għajn;
Għal kull tip ta' vjolenza
Aħna nqabbdu lill-oħrajn!

Hawnhekk m'hawnx logħob bl-idejn
Inkella tkun pastaż
L-awtur xeba' jitpastaż
Spiċċa agħmi u fartas!

**In-Nutar** U hekk hu riesaq fi tmiemu
Dal-ġublew ta' ferħ nuzjali
Ngħaddu issa għall-għarajjes
Sabiex jagħtu ir-rigali!

**L-Għarusa** X'nista' ntik sabiex inferrħek?
Għandek tant affarijiet sbieħ
Dar-rigal hu biss ħsieb ċkejken:
Għalik għandi dal-muftieħ.

**L-Għarus** Iġri nara dan fejn jiftaħ
Liema bieb jew apertura;
Min jaf jidħolx bla problemi
Jew taqbilx is-serratura?

**L-Għarusa** La tibżax jekk il-bieb iebes
Dak imdorri għat-theżżiż
U jekk tħoss l-istanga tiġbed
Kemm taqlagħli ċ-ċaċċis!

|  |  |
|---|---|
|  | Idħol ftit, gawdi l-intrata<br>Ifli sew il-kurituri<br>Ibqa' tiela' dritt fis-sala |
| **L-Innoċenti** | Tagħtix kas il-konsenturi! |
| **Svendale** | X'muftieħ dak! Jien qed ninkwieta!<br>Ħdejja dan hu dinosawru! |
| **Gabriċella** | Tinkwetax! Id-daqs mhux kollox.<br>L-importanti kif idawru! |
| **L-Għarusa** | Dal-muftieħ hu r-rigal tiegħi<br>Sabiex tgawdi dal-palazz! |
| **L-Għarus** | Mela lesti l-bieb ta' barra<br>Ħalli nifitħu bħal pitazz! |
| **In-Nutar** | Skużaw ftit l-interruzzjoni<br>X'palazz hu? Kif taffordjah? |
| **L-Għarusa** | Dan kont qlajtu f'għeluq snini,<br>Hemm għalfejn niddikjarah? |
| **In-Nutar** | Kull rigal suppost jitniżżel<br>Sakemm prezzu mhuwiex baxx.<br>Dal-palazz li qed issemmi<br>Jista' jkun li hu… |
| **L-Innoċenti** | Garaxx? |

*(In-Nutar iddur fuq l-għarus)*

|  |  |
|---|---|
| **In-Nutar** | Korradino x'rigal tagħti<br>Ħalli nniżżel dak li nista'? |
| **L-Għarus** | F'dak il-każ aħjar li tniżżel<br>Dan il-hamper ftit mal-lista. |

*(L-Għarusa tidher ftit diżappuntata)*

**L-Għarusa** Hamper?

**Ix-Xhieda** Hamper!

**L-Għarusa** Hamper!!?

**Ix-Xhieda** Hamper!!!

**L-Għarus** Hamper mimli!

**In-Nutar** Iii God bless!

**L-Għarus** Hamper kollu ġid u hena!

**L-Innoċenti** Jew xi xogħol mal-ITS!

**Kulħadd** Xxxxxxx!!!! Issemmix dawn l-affarijiet!

**L-Għarus** Ħwejjeġ sbieħ bi drapp mill-ifjen
Tulle, damask, ħarir, bellus!
Dior, Versace, Balenciaga,

**L-Innoċenti** Ara hemmx ukoll mazz flus!

**L-Għarus** Deheb! Djamanti! Fwejjaħ rari!
L-akbar ġawhar li qatt rajt!
Ara ftit, miksi żmeraldi!

**L-Innoċenti** It's so shiny…weighty…light!

*(L-għarusa tibda tqalleb fil-hamper u tilbes l-affarijiet. Magħhom hemm ktieb)*

**L-Għarusa** Kollox sew, iżda dal-kotba
Ngħid jien x'qegħdin jagħmlu haw'?
Ara jien bilkemm naf naqra!

**L-Innoċenti** Dak għal meta jmur id-dawl!

**In-Nutar** Bir-rigali ddikjarati
Ngħaddu issa għal żewġ drinks.

**L-Għarus** Stennew ftit, fadalli aktar!
Ittra m'għand il-Kink of Kinks!

*(Korradino jgħaddi l-ittra lill-Innoċenti sabiex taraha n-Nutar)*

**It-Tabib** Kemm hu mlaħħaq!

**Il-Profs** Magħruf bħali!

**Il-Perit** Hemm xi ħadd li ma jafux?

**In-Nutar** Għax m'għedtlux jiġi jżurna?

**L-Innoċenti** Il-mamà ma ħallitux!

**Svendale** Għajb għalih, u żgur mhux raġel
Min minn ommu ma jismax!

**Gabriċella** Sewwa u xieraq jisma' minnha!

**L-Innoċenti** Mhux bilfors! Għandu sittax!

*(In-Nutar taqra l-ittra)*

**In-Nutar** "Għeżież ħuti u devoti
Bħala l-Kink ta' din il-blata,
Jiena nagħti 'l-imsemmija
Din il-maħfra immedjata:

Rużannina, warda fina
Ta' xejn jiġi l-ħaqq ifittxek,
Għaliex kollox qed naħfrulek;
Kulħadd jaf kemm rajt ma' wiċċek.

Korradino jdejk miftuħa
Dejjem lest għall-karità,

Ta' kemm flus qassamt ma' sħabek,
Aħna ntuk il-libertà!"

**L-Uffiċjal** Ooo xi ħlewwa!

**Il-Perit** Xi klemenza!

**It-Tabib** Xempju tal-munifiċenza!

**Il-Profs** Ħasra li mhux qiegħed fostna

**L-Innoċenti** Forsi tniggżu il-kuxjenza

**In-Nutar** "Lit-tabib Olvis Piacere
Jiena ilni nafu żmien
Ta' kemm għen lil min ibati
Lilu nagħtu l-Ħelsien!

U lill-Profs, il-kbir Ras Kbira
Inti qatt ma żammejt lura
Kompli gawdi l-parti tiegħek
Mingħajr biża' ta' ċensura!

Lill-Perit u 'l żewġha Ian
Moħħni biss f'dik it-tarbija
Għax il-ħabs żgur mhux post xieraq
Għat-tagħlim u għat-trobbija

U sa fl-aħħar, u mhux l-anqas
Nagħlqu dal-festeġġamenti
Billi nagħtu l-libertà…

**L-Innoċenti** Lili għaliex innoċenti!

**Kulħadd** LE!!!!

**In-Nutar** Billi nagħtu l-libertà
Lil ħadd ħlief l-għażiż Nutar!

**Innoċenti** Isss! Imma hekk m'obdejtx ir-reg'li,
Għax il-vers ma rrimax sewwa

**Svendale** Naħseb int m'obdejtx xi ħaġa
Għaliex int ħa tibqa' ġewwa!

**In-Nutar** "Nagħlaq billi insellmilkom
Ħudu gost ja naughty devils,
Issa ħa jkolli nħallikom
Għax dalwaqt nibda l-O-Levels."

*(It-Tabib joħroġ fin-nofs u jaħsad lil kulħadd)*

**It-Tabib** Ġaladarb'aħna nies ħielsa
Issa nistgħu nikxfu l-karti

**In-Nutar** Jien irrid lil Olvis b'żewġi!

**It-Tabib** U jien lilek irrid b'marti!

**Svendale** Jekk l-imħabba tinbet f'qalbek

**Gabriċella** Qis li tgħożżha, tinsihiex!

**Il-Perit u l-Uffiċjal** Għax l-imħabba hi bħal masġar

**L-Innoċenti** Mela Malta ma ssibhiex!

**In-Nutar** Jien inħobbok fenku tiegħi!

**It-Tabib** U jien lilek, ja żarmuġa!

**Il-Profs** Jiena biss bqajt waħdi waħdi!

**L-Innoċenti** Mela bħal Aaron Far…

**Kulħadd** Int ħa tiskot jew?

**In-Nutar**
O dottore ċ-ċella tiegħi
Inti ilek sew li ftaħtha,
Iżda llum id-dinja kollha
Taf li aħna ħaġa waħda!

**Gabriċella**
Qed taraw kif il-ħabs tagħna
Jirriforma l-eħrex qlub?
Tidħol hawn mara midinba,
Toħroġ verġni, mingħajr dnub!

**In-Nutar**
Aħna kollha bnedmin dgħajfa
Jiena bħalkom, intom bħali
Hawn żmien aqwa mill-preżenti
Sabiex tkun ftit kriminali?

Jista' jkun hemm xi ħaġ'oħra
Jekk ngħidulkom, taħfruhielna?
Kieku ħallejnielkom ġebla
Kontu taslu twaddbuhielna?

Mhux kulħadd tħanżer xi naqra?
Jew ħa dak li ma ħaqqux?
L-importanti li tgħallimna
X'nagħmlu biex ma ninqabdux!

Mela gawdu f'din il-bluha
Ir-Randan issa fil-qrib,
Tħanżru, kulu, iddevertu

**L-Innoċenti**
Għax dalwaqt jiġi s-salib.

**Kulħadd**
Iva aqtagħha!!! Mużika maestro!

**DISKA - 'SENA WARA SENA'**

*Fuq il-marċ brijuż 'The King' ta' Archibald Mizzi*

Sena wara sena
Niġu haw' nixxalaw
Sena wara sena

Briju kbir niżguraw
Fil-jiem ta' bluha li hu l-Karnival
Aħna nerġ'insiru tfal!

Sena wara sena
Niċċajtaw, nirreċtaw,
Sena wara sena
Nizzikaw, nallegraw
Meta l-ħajja tibda ttik bis-sieq
Idħaq daħqa sabiex tfiq!

Ferħanin għaliex
Wasal il-ħin
Illi nkunu mqarbin
Fil-Qarċilla

Magħrufin għaliex
Matul is-snin
Nibqgħu imsemmijin
Għall-Qarċilla!

Fittxuna sibuna,
Fil-jiem tal-Karnival
Araw b'għajnejkom
U tifhmu għaliex kbar!

Ċapċpulna, ħeġġuna
Ħa ntukom ftit mill-agħar
Ħniena ma' ħadd
Ma nieqfu qatt
Naqbdu ftit ma' kulħadd
Fil-Qarċilla!

*** TMIEM ***

**KITBA**
Ċikku l-Poplu

**DIREZZJONI**
Joseph Galea

**ATTURI**

| | |
|---|---|
| In-Nutar | Carmela Caruana Carrotta - Christine Francalanza |
| L-Għarusa | Rużannina tal-Imdina - Stephanie Sacco |
| L-Għarus | Korradino Tommasino - Fabio Mifsud |
| Il-Profs | Profs. R. Kbira - Matthew Balzan |
| It-Tabib | Dott. Olvis Piacere - Nathaniel Galea |
| Il-Perit | Connie Konkrit Vincenzi - Maria Galea Farrugia |
| L-Uffiċjal | Ian Vincenzi - Ryan Galea |
| Il-Gwardjan | Svendale il-Bello - Sandro Vella |
| Il-Gwardjana | Gabriċella 'Dritt ġoċ-Ċella' - Rachel Micallef |
| L-Innoċenti | Karl Schembri |

**ARRANĠAMENTI U DIREZZJONI MUŻIKALI**
Mro Etienne Spiteri

**MUŻIĊISTI**
Joshua Farrugia
Joseph Lucas
Christian Fenech
Rene Barbara
Jeremy Borg

**ASSISTENTA TAL-PRODUZZJONI**
Svetlana Camilleri

**PROPS U SETT**
Michael Carol Bartolo

**KOSTUMI**
Teatru Manoel
Dorothy Ebejer
Graziella Sammut
Carmen Zammit

**DISINN TAD-DAWL**
Fabio Mifsud

**IRTOKK**
Make-up by Dea
Deandra Bugeja

**FOTOGRAFIJA**
Dorian Bugeja

TWIST
MEDIA & ENTERTAINMENT

Il-Kunsill Nazzjonali
tal-Ilsien Malti

FESTIVALS
Malta

SPAZJU
KREATTIV

HORIZONS

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI
L-ARTI U L-GVERN LOKALI